Newspaper Post

żminijietna
leħen ix-xellug

# Żminijietna

www.zminijietna.org

Vol.5 Nru.13 | Jannar-Marzu 2012 | 40c

## Gvernijiet teknokratiċi

# Kolpi ta' stat bil-pulit

Snin ta' politika neo-liberali, daħħlu lil ħafna mill-istati ta' l-UE f'defiċits finanzjarji nsostenibbli u djun nazzjonali allarmanti. L-iżbilanċi finanzjarji (defiċits) ġew maħluqa minn baġits negattivi ta' gvernijiet li ħallew is-suq isuq bla regoli, u huma mxew miegħu fil-għama bil-finanzi tal-poplu. Minbarra li nefqu bla viżjoni, biegħu l-assi ta' l-istat bil-għan mistqarr li jwarrbu l-kompetizzjoni statali, biex sidien privati joperaw bejniethom f'suq ħieles f'libertinaġġ assolut.

Dan laqat lill-massa bi spejjeż ogħla tal-ħajja, u b'nuqqas ta' mpjiegi, u bi tmermir tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Majnat l-attivitá ekonomika u naqas id-dħul tal-gvern, bil-konsegwenza li bdew jiżdiedu t-taxxi u jitnaqqsu s-servizzi soċjali, u anke jitla' d-dejn tal-gvern.

Ir-riżultat ta' din il-politika kompliet teħzien bil-kumplikazzjonijiet ta' attivitajiet bankarji bla regoli, li b'irresponsabiltá grassa nnegozjaw self ta' flejjes kbar mingħajr garanziji ta' ħlas lura. Is-self zopp ħareġ mill-banek f'ammonti li qabżu l-assi tagħhom b'għaxriet ta' drabi iżjed milli jippermettu r-regoli bankarji nternazzjonali.

Agħar minn hekk, banek bdew jixtru self fallut ta' xulxin f'bonds, biex fil-kotba jidhru li żiedu l-assi, li attwalment ma kienu xejn ħlief duħħan. Dawn l-imbrolji fallew ħafna negozji żgħar u medji, u faqqru miljuni ta' ċittadini onesti. Meta ma kienx fadal x'jitmexmex mir-robbu finanzjarju, l-falliment tressaq f'ħoġor gvernijiet, li b'mentalitá neo-liberali kienu ħallew dak il-libertinaġġ jikkrolla l-għerq tas-sistema ekonomika kapitalista.

Ma setax jonqos li din is-sitwazzjoni kumplikata ġġib nuqqas ta' attivitá fl-ekonomija, li żviluppat fi kriżi ekonomika mifruxa. Il-gvernijiet rispettivi u shabhom ta' l-UE ħarġu triljuni ta Euro biex isalvaw lill-banek mill-falliment, u biex jgħinu lill-istati konċernati jgħelbu l-problema. Bil-ħsieb li jrażżnu dawk id-defiċits annwali u d-djun miżjuda b'din il-kumplikazzjoni, ħadu miżuri ta' awsteritá fuq iċ-ċittadini tagħhom. Ir-riżultat mhux biss ma kienx pożittiv, imma talli f'xi każi l-qagħda baqgħet sejra għall-agħar.

L-UE rat li fin-nuqqas ta' politika fiskali komuni, ma tistax tfejjaq dik il-ġerħa. Għalhekk tressqet proposta fil-Parlament Ewropew biex fl-UE tidħol




taxxa komuni fuq it-transazzjonijiet finanzjarji (FTT). Minbarra għas-salvataġġ tal-Euro, din tipprovdi fondi għal baġit ta' l-UE, u parti oħra tinfirex fuq l-istati membri. F'Malta din il-proposta kienet appoġġjata minn Żminijietna - Leħen ix-Xellug, Moviment Graffitti, Koperattiva Kummerċ Ġust, Third World Group u Moviment Azzjoni Xellug, l-Partit ta' l-Alternattiva Demokratika u l-Partit Komunista Malti. Huwa ta' dispjaċir li għaqdiet u Partiti oħrajn ma tkellmux favur din it-taxxa ġusta, filwaqt li l-Gvern Nazzjonalista ħadem fl-UE, flimkien ma' l-Ingilterra biex din il-miżura ġusta ma tidħolx.

Waqt li dawn it-tip ta' proposti għadhom pendenti, l-kotra mhix taċċetta li tibqa' ġġorr il-piż kollu tad-dnubiet tal-politiċi u l-imbroljuni, bla ma l-ħatja jagħtu kont ta' għemilhom. Min hu lest jikkollabora b'impenn fl-iskema li s'issa kienet daqstant inġusta mall-kotra? Din l-anomalija hija fil-fatt evidenti fis-sistema ekonomika kapitalista, li flok inċentiv u stima lill-parteċipant onest, toffri trattament preferenzjali għad-diżonestá. Għalhekk qamu oġġezzjonijiet kbar għall-miżuri ta' awsteritá fl-istati ta' l-UE, speċjalment fil-Greċja, li qed iqanqlu dubji fis-sistema ekonomika nstabbli kapitalista nnifisha. Il-qawmien ta' din il-kuxjenza fost il-masses, allarma lit-tmexxija fi Brussels tant li minkejja l-proposti pendenti li semmejna, ddeċidiet li tirrimedja d-djun u defiċits finanzjarji, bil-ħolqien ta' defiċit ġdid demokratiku li jkompli jmermer is-sovranitá tal-popli Ewropej.

Fuq struzzjonijiet minn wara l-kwinti ta' Brussels, u bla ma ntalab kunsens popolari, t-tmexxija tal-gvernijiet eletti demokratikament tal-Greċja u l-Italja nbidlu ma' oħrajn ġodda, komposti minn prim ministri teknokratiċi li ma ġewx eletti f'posthom mill-poplu f'elezzjoni demokratika. Dawn daħħlu wkoll fil-kabinett element teknokratiku mhux elett.

Hawn ta' min jistaqsi b'liema dritt u fuq liema kriterji qed isiru dawn l-ispustamenti, b'nies li fost teknokratiċi oħra kellhom karigi għolja fl-ogħla istituzzjonijiet tal-qasam finanzjarju, meta kienet qed tiżvina s-sistema, bla ma għamlu xejn biex iwaqqfu l-emoroġija. Biżżejjed ngħid li fosthom hemm ex-kap tal-bank ċentrali ta' pajjiż f'xifer falliment.

Dawn l-esperti ma ntebħux bil-periklu tal-ereżiji ekonomiċi u l-bawxati li kienu qed isiru taħt imneħirhom, jew forsi ma xtaqux jidħlu bejn il-basla u qoxritha?

Allura kienu jew inkapaċi, nkella rresponsabbli. Kull possibbiltá minn dawn, tiskredita għal kollox il-validitá teknika u amministrattiva ta' l-inkarigu li qed jingħataw biex iġibu lura l-bajda sħiħa wara li din saret froġa. Irrispettivament minn dik l-ambigwitá, b'din l-azzjoni bla preċedent, inqaleb rasu l-isfel il-kunċett ewlieni ta' kif għandhom jintużaw it-teknokratiċi bħala regolaturi fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet li jieħdu n-nies eletti mill-poplu. Stat jew għaqda ta' stati bħal UE li jaqleb dan il-kunċett, ikun wasal fid-daħla tat-triq totalitarja.

Dan jidher li hu kolp ta' stat pulit. Flok sar bil-forza mill-armata, qed isir mit-teknokratiċi bil-kanuni tal-estremiżmu neo-liberali. Kif se jirreaġixxu dawn it-teknokratiċi bil-poter speċjali, jekk il-masses jibqgħu jirreżistu l-miżuri ta' awsteritá li jridu jimponu fuqhom? Se jaċċettaw ir-rieda popolari li l-piż tad-dnubiet jinqasam b'ġustizzja skond il-ħtijiet tal-midimbin u skond il-mezzi ta' min stagħna mill-opportunitá, jew se jkabbru dan id-defiċit demokratiku billi jkomplu bil-proċess sħiħ tal-kolp, b'xi aggressjoni kontra l-kotra?

**Ġewwa ......**

- Intervista mal-Prof. Carm Borg
- Rapport tas-seminar dwar il-kriżi ekonomika

Kitbiet minn:

Michael Briguglio,
Alfred Consiglio
Gerard Devlin u oħrajn



BEST WISHES 2012
FROM THE COMMITTEE MEMBERS OF ALLEANZA LIBERALI -
THE MALTA LIBERAL PARTY
- www.malta-liberals.org - www.freewebs.com/liberalalliance- http://worldtv.com/
alleanza_liberali_malta- www.john-zammit.eu
Tel/Fax: 21690365, Mobile: 99459714, 99449157
e-mail: mail@john-zammit.eu - sammutjp@onvol.net

Dr. John Zammit - Candidate for the 2nd and 6th Districts -
Associate Member of ELDR – European Liberal Democratic Parties - www.eldr.eu

CANDIDATES FOR THE COMING
GENERAL ELECTIONS AND EUROPEAN PARLIAMENT ELECTION ARE WELCOME



Paid Advert

# Ix-XELLUG matul is-snin qabel il-MARXIŻMU

*minn* ***Alfred Consiglio***

Iż-żerriegħa tas-soċjaliżmu xxettlet ħafna qabel is-seklu għoxrin. Il-kelma stess indikat kontinwament ix-xewqa li jkunu mċaqalqin il-pedamenti tas-soċjetà u tinbena mill-ġdid. Is-soċjalisti u komunisti qatt ma kienu nofs qalb rigward l-għanijiet tagħhom. Huma ffukaw mibgħeda kostanti tal-ordni eżistenti ta' stat u ekonomija. Huma nsistew li huma biss, u mhux ir-rivali tagħhom fil-politika, li kellhom il-potenzjal dottrinali u prattiku li jibdlu l-umanità. Determinazzjoni u nuqqas ta' sabar biex jiksbu tibdil kienu fatturi kostanti. L-impenn lejn organizzazzjoni militanti kien persistenti. Iżda l-komuniżmu qatt ma waqaf milli jisfida attentati għal definizzjoni.

Dak li sar magħruf bħala komuniżmu fis-seklu għoxrin kien l-effett ta' ħafna influwenzi. L-espressjoni prinċipali tiegħu kienet l-ideoloġija uffiċjali tar-Russja.

Marx u Engels stess għarfu tliet sorsi ewlenin ta' ispirazzjoni. Politikament huma kienu affettwati sew b'dak li qraw u saru jafu fuq Maximilien Robespierre u politiċi radikali oħrajn fir-Rivoluzzjoni Franċiża. Fl-ekonomiji huma ammettew li siltu b'mod sod mill-ideat ta' teoristi li eżaminaw enerġiji straordinarji qawwijin propulsivi fil-produzzjoni u l-kummerċ żbruffati mill-kapitaliżmu kif ġara fl-Ingilterra.

Filosifikament huma kienu affaxxinati bil-kitbiet ta' Hegel. Marx u Engels ħasbu u qiesu lilhom infushom bħala ħaddiema biex għaqqdu l-iskoperti kruċjali ta' dawk li kienu nfluwenzawhom, u huma komplew jiżviluppaw din is-sintesi sa l-aħħar ta' ħajjithom.

It-tnejn xtaqu li jittieħdu serjament bħala propagaturi ta' komuniżmu modern, xjentifiku u kontemporanju. Huma ħasbu li kienu qed jgħixu fi tmiem l-era kapitalista u li l-era komunista kienet qrib.

Kien fis-seklu sittax li movimenti feġġew biex ifittxu li jirrealizzaw objettivi egalitarji, u Marx u Engels ċertament ħadu nota ta' dan fil-kitbiet storiċi tagħhom. Kienu nteressati speċifikament fil-*Levellers u d-Diggers*.

Dawn kienu gruppi radikali li ġġieldu u sostnew pjanijiet biex titqassam mill-ġdid il-propjetá fuq bażi ugwali. Oliver Cromwell, il-mexxej tal-Gwerra Ċivili fl-Ingilterra fl-1642-49, ivvaluta l-ħila militari tal-*Levellers*. Dawn bagħdu l-Ingilterra tal-privileġġi u l-propjetá; huma maqdru l-materjaliżmu. Huma appoġġaw lil Cromwell iżda l-ostilitá tagħhom lejn ġerarkija politika u soċjali kienet anatema għal Cromwell li qatt ma naqas li jipproteġi l-interessi tal-merkanti u sidien l-art. Huwa bagħat l-armata biex trażżan l-inkwiet fl-1649.

Ugwaljanza fil-pussessi materjali ma kienetx l-għan ta' ħafna militanti fir-Rivoluzzjoni Franċiża, iżda xi wħud esponewha u fissruha fid-dettal. Ir-Rivoluzzjoni Franċiża tal-1789 ġabet mod ta' ħsieb radikali. Ir-rivoluzzjonarji li ġew wara taw attenzjoni bir-reqqa lir-rivoluzzjoni li mill-bidu tagħha kienet tidher bħala avveniment tal-epoka li kompletament bidel l-identitá soċjali u politika tad-dinja ċivilizzata.

Jean-Paul Marat (1743-1793) bagħad l-aristokrazija u l-awtoritá tagħha; huwa nqatel fil-bajnu minn Charlotte Corday li stmerriet l-estremiżmu Ġakobin tiegħu.

Gracchus Babeuf (1760-1797) sostna t-tradizzjoni b'fanatiżmu. *Il-Konfoffa tal-Indaqs* ħabirket wara l-eliminazzjoni rivoluzzjonarja ta' differenzi bbażata fuq l-oriġini tal-persuna, trobbija jew kundizzjoni; għamlet konċessjoni biss fuq etá u sess. Il-Konfoffa waqqfet gruppi u kkanvassjat għal appoġġ f'Pariġi. Fl-1796 Babeuf safa arrestat għax il-gvern ħass li r-radikaliżmu tiegħu kien ta' periklu għal ordni pubblika. Il-ġuri kien is-soltu rutina, bil-verdett magħruf minn qabel. Babeuf, avukat kompjaċevoli tal-giljottina, kien misjuq f'karru lejn il-post tal-eżekuzzjoni.

Henri de St. Simon (1760-1825) sejjaħ għal ġbir ta' l-għodda tax-xogħol, art u kapital f'fond soċjali; fejn il-ġid ereditarju kellu jkun esproprijat. St. Simon immira lejn il-ħolqien ta' assoċjazzjoni ta' ħaddiema bieżlin li jkunu organizzati minn fuq; huma jkunu assenjati xogħlijiet skond it-talent tagħhom u ppremjati skond xogħlhom. Dan kien suppost li jiġri permezz ta' propaganda responsabbli.

Tbassira bħal din ikkonvinċit lil Louis Blanc (1811-1882), Franċiż li twieled fl-aħħar tas-snin Napuljoniċi. Blanc warrab sejħiet għal ħtif vjolenti tal-poter. Huwa ried ir-reġim rivoluzzjonarju li jipproċedi b'mezzi demokratiċi filwaqt li jaġixxi bħala bankier tal-foqra u jibbaża l-politika ekonomika favur assoċjazzjoni tan-nies tax-xogħol. L-intrapriża privata tkun imqalfta mill-industrija, agrikoltura u kummerċ. Blanc kien radikali aktar minn St. Simon; huwa ppjana għal poplu li jkun imħallas mhux skond ix-xogħol magħmul imma skond il-ħtieġa li jesperjenza.



**Gracchus Babeuf u Karl Marx**

Is-seklu dsatax ra ħafna attentati biex jaraw isibu kif is-soċjetá tista' tkun organizzata fuq bażi ta' kooperattiva. Soċjalist utopjan Franċiż, Etienne Cabet (1788-1856), li twieled fl-1788, hu meqjus li kien l-ewwel wieħed li uża t-terminu komuniżmu fl-1840. F'dik is-sena huwa ppubblika ***Voyage en Icarie*** fejn f'komunitá egalitarja la hemm propjetá privata u lanqas flus, fejn il-komoditajiet kollha huma miżmumin komuni. Cabet kien kontra rivoluzzjoni vjolenti u l-komuniżmu tiegħu kien ispirat mill-Kristjaniżmu.

Soċjalist utopjan ieħor kien Robert Owen (1771-1858), intraprenditur kif ukoll ħassieb politiku. Huwa emmen fil-perfezzjoni tal-bnedmin jekk jingħataw l-ambjent tajjeb u l-edukazzjoni. L-idejat tiegħu saru aktar utopiċi, kif ukoll impulsivi, maż-żmien. Huwa għamel aktar minn attentat wieħed biex iwaqqaf komun kooperattiv.

Charles Fourier (1772-1837) ġibed l-attenzjoni pubblika fl-ewwel kwart tas-seklu dsatax. Jaħdem bħala skrivan f'Lyon, huwa ma kellux paċenzja; huwa ppropona li nies għandhom jingħaqdu f'falangi fejn jistgħu jiffurmaw komunitajiet li jmexxu lilhom stess. Il-fantasiji ta' Fourier kellhom appell għal xi intelletwali biex jiddenunzjaw il-profitt privat.

Awtur ieħor li ried li jneħħi l-istat miċ-ċentru tal-istrateġija rivoluzzjonarja kien Pierre-Joseph Proudhon (1809-1865). Proudhon stmerr kull awtoritá u beżbeż lil kull min ippjana forma dittatorjali ta' soċjaliżmu. Huwa rrofta l-liġijiet kollha u qieshom bħala għodda ta' ripressjoni; l-għajta famuża tiegħu kienet *'Propjetá hija serq'*.

Louis-Auguste Blanqui (1805-1881) ippriserva t-tradizzjoni tal-Ġakobini Franċiżi. Huwa kien konġurat inġenjuż; huwa tkellem favur rivoluzzjoni vjolenti biex twarrab il-ħakkiema u tistabbilixxi reġim dittatorjali li jippromwovi soċjaliżmu. Blanqui kellu tir li jibdel lil Franza mill-għeruq; l-amministrazzjoni tkun żarmata u mibdula b'apparat ta' poter impenjat lejn rivoluzzjoni kontinwa. Blanqui pprattika dak li ppriedka, mexxa diversi rvellijiet imma kollha fallew. Kien ta' spiss ikkalzrat iżda dejjem irritorna mill-ħabs b'xi skema oħra. Il-kitbiet tiegħu ma kienux il-punt l-aktar qawwi tiegħu, u ***Social Critique*** kien ippubblikat wara mewtu. Iżda s-sustanza tal-messaġġ tiegħu kkontribwit sew għal diskussjonijiet fost gruppi rivoluzzjonarji fis-snin ta' wara.

L-idejat tal-Franċiżi xterdu madwar l-Ewropa, u artiġjani u ħaddiema tas-sengħa kif ukoll studenti u kittieba mill-ewwel adottawhom. Soċjetajiet sigrieti faqqsu kull fejn kien hemm persekuzzjoni politika. Waħda minn dawn kienet il-*Lega tal-Ġusti* fil-Ġermanja. Il-mexxej tagħha, Wilhelm Weitling (1808-1871), ħajjat, bilkemm seta' jemmen kif ħsibijietu, imfissrin fil-***Gospel of Poor Sinners***, sabu malajr art fertili f'artijiet barranin.

Marx u Engels poġġew il-ġlieda tal-klassi fuq quddiem tal-analiżi tagħhom; huma qalu li l-klassi ħaddiema tirriproduċi l-politika, l-ekonomija u l-kultura tad-dinja kollha. L-esperjenza ħaddemija ta' degradazzjoni taħt il-kapitaliżmu tagħtiha l-mottiv biex tibdel in-natura tas-soċjetá. L-isforz kollettiv tal-ħaddiema jibdel il-ħajja ta' poplu b'intenzjoni tajba, u dawk li joffru reżistenza għandhom jiġu mrażżnin. Huma ppproponew li l-politika ma tibqax teżisti.

Jean-Jacques Rousseau (1712-1778) kien ippropona li l-ħidma pubblika għandha tkun iggwidata b'dak li huwa sejjaħ *'Rieda Generali'*. Huwa stmerr kunċetti ta' demokrazija rappreżentattiva. Huwa ma għoġbitux l-ideja ta' pluralitá ta' partiti; assuma li twemmin illuminat u parteċipazzjoni popolari stess iwasslu għal ħolqien ta' soċjeta' verament ġusta, ħielsa u egalitarja. Rousseau kkonċeda li l-poplu mhux dejjem jaf fejn huwa t-tajjeb, iżda li r-*'Rieda Generali'* dejjem hija retta u għandha tkun obduta mingħajr dubji. Il-politika ta' Rousseau kienet fundamentalment anti-politika u awtoritarja.

Marx u Engels irrifjutaw il-moralitá bħala prinċipju għal azzjoni. Huma ħaddnu prinċipji xjentifiċi ta' analiżi u rakomandazzjoni. Huma nnegaw li kienu sentimentali fil-politika tagħhom u warrbu l-kunċett li l-fqar fis-soċjetá kienu diċenti b'mod inerenti. Huma ħarsu biċ-ċiera lejn ħafna soċjalisti ta' żmienhom talli ċedew għal sentimentalitá dwar il-faqar. Iżda minkejja li Marx u Engels irrifjutaw li jaċċettaw suppożizzjonijiet bħal dawn, kull meta tkellmu fuq il-kotra, huma spjegaw id-difetti u d-defiċjenzi bħala r-responsabilitá tal-ħakkiema. Huma faħħru *'l-proletarjat'* bħala klassi u argumentaw li l-kapitaliżmu jaljena lill-poplu mit-triq tal-veritá u razzjonalitá.

Hekk, frak vast intelletwali u politiku eżista fejn iż-żerriegħa tal-komuniżmu setgħat tixxettel. Għalkemm definizzjonijiet ma qablux, ħafna kittieba kienu sejħu għal tqassim mill-ġdid ta' oġġetti u poter fuq prinċipji egalitarji. Militanti kienu saħqu fuq il-ħtieġa għal kosmopolitaniżmu u t-tmiem ta' interessi nazzjonali bbażati fuq klassi jew parrokjaliżmu. Dittatorjat u terrur, għalkemm mhux pjaċevoli għal ħafna, kellhom segwaċi. Ħafna ħassieba influwenti kienu ppproponew li l-istorja ma kienetx proċess kif ġie ġie, jew ċikliku, iżda mxiet stadju wara stadju lejn il-kundizzjoni aħharija tagħha. Mhux ftit kienu l-movimenti reliġjużi, soċjali u politiċi li fdaw il-kunfidenza tagħhom fuq il-foqra u l-maħqurin bħala l-awturi tat-trasformazzjoni; kienu intenzjonati ta' spiss ukoll bħala l-benefiċjarji ewlenin.

Dawn ix-xewqat kienu adottati minn gruppi anti-kapitalisti radikali fis-seklu dsatax u mfissrin lill-ħaddiema, artiġjani u intelletwali. Dawn il-gruppi kienu ruxmata, bosta differenti, imferrxin fost il-ħafna pajjiżi Ewropej. Huma kienu mlebilba li jpoġġu l-ideat tagħhom fis-seħħ wara li jiksbu l-appoġġ neċessarju biex jieħdu s-setgħa. Huma sejħu lilhom nfushom komunisti, soċjalisti u anke anarkisti. Huma kienu ċari fi kliemhom bla tlaqliq u kuraġġużi dejjem jikbru u organizzati.

# Ix-xellug ikompli jirbaħ fl-elezzjonijiet

Fil-ġimgħat li għaddew saru diversi elezzjonijiet fil-pajjiżi Ewropej u nħawi oħra tad-dinja.

L-iktar elezzjoni mportanti kienet dik fir-Russja fejn il-Partit Russja Magħquda ta' Putin tilef ħafna mill-appoġġ li kellu. Il-Partit Komunista Russja, li kien it-tieni l-ikbar partit, kompla jikber u rdoppja n-numru ta' siġġijiet fid-Duma.

Partit ieħor xellugi, Russja Ġusta, mar tajjeb ukoll. Il-Komunisti żiedu 35 siġġu u għandhom 92 u Russja Ġusta żiedu 26 siġġu għal 64. Il-partit ta' Putin naqqas 77 siġġu.

Fl-Ewropa kien hemm ukoll suċċessi kbar. Għalkemm fi Spanja rebaħ il-Lemin u tilef il-Partit Soċjalista, ix-Xellug Magħqud għamel avvanzi kbar fejn ġab kważi 2 miljun vot fil-waqt li fil-Greċja l-KKE kompla jissaħħaħ.

Fil-Kroazja, l-Alleanza taċ-Ċentru Xellug għelbet fuq l-alleanza tal-Lemin li kienet fil-gvern.

Wara 18-il xahar bla gvern fil-Belġju, is-Soċjalista Elio di Rupo inħatar bħala Prim Ministru jmexxi gvern ta' sitt partiti. Elio di Rupo huwa iben immigrant Taljan. Huwa l-ewwel Soċjalista f'din il-kariga mill-1974.

Fl-Amerika Latina il-popli komplew jappoġġjaw gvernijiet tax-xellug. Fl-Arġentina reġgħu għażlu lil Cristina Fernandez Kirchner fil-waqt li fin-Nikaragwa kompla żamm il-poter Daniel Ortega tas-Sandinisti.

Fl-Awstralja il-Ħodor kisbu siġġu fil-Parlament għall-ewwel darba u daħlu f'koalizzjoni mal-Partit Laburista. Fi New Zealand ukoll il-Ħodor għamlu progress kbir.

Editorjal

# Jibqgħu moħħhom li l-awsteritá se ssalva s-sistema

Fi żmien il-Medjuevu u snin twal wara, it-tobba kienu jipprovaw jikkuraw pazjent billi jieħdulu d-demm. B'dan il-mod sikwiet kienu joqtluh minflok ifejquh. Il-lum it-tobba, biex ifejqu pazjent, jagħtuh u mhux jieħdulu d-demm.

B'dan il-mod, wieħed mill-ekonomisti ewlenin preżenti, Paul Krugman, spjega s-sitwazzjoni tal-kriżi finanzjarja kapitalista. Huwa ra li l-miżuri ta' awsteritá li l-gvernijiet qegħdin jimponu fuq il-popli huma l-istess duwa li t-tobba tal-Medjuevu kienu jagħtu lill-marid u jispiċċaw joqtluh.

Imma l-gvernijiet tal-pajjiżi ta' l-Ewropa u l-Istati Uniti ma jridux jifhmuha din u huma determinati li jkomplu jipprovaw isalvaw is-sistema qerrieda kapitalista tas-suq ħieles u l-banek billi jimponu aktar miżuri t'awsteritá fuq il-poplu, fuq iż-żgħir, fuq il-ħaddiema, fuq il-pensjonanti u d-dgħajfin fis-soċjetá.

Għalhekk qegħdin inkomplu naqraw u nisimgħu bl-oxxenitajiet li qegħdin isiru. Per eżempju l-istat ta' Alabama, fl-Amerika falla finanzjarjament grazzi għall-ħidma tal-bankiera u politiċi korrotti u nkapaċi. Is-soluzzjoni kienet li jaqtgħu l-provvista ta' l-ilma lill-popli ta' bliet sħaħ f'dak l-istat.

Fl-istess nifs insiru nafu li l-kapijiet tal-kumpaniji gawdew żidiet ta' 40 % u l-kap eżekuttiv ta' waħda mill-kumpaniji ħa $145 miljuni. L-oħrajn ħadu żidiet li jiżbqu sew il-$2 miljuni. Dawn waqt li l-figuri uffiċjali juru li l-pagi tal-maġġoranza mhumiex ilaħħqu mar-rata ta' l-inflazzjoni. Jiġifieri qegħdin jiftaqru aktar.

Huwa ironiku kif dawn il-gvernijiet qegħdin jappellaw lill-popli tagħhom biex joħorġu jonfqu fil-ħwienet ħalli r-rota ta' l-ekonomija ddur. L-ewwel tefgħu miljuni bla xogħol, lil miljuni aktar naqqsulhom il-pagi u l-pensjoni u ħallew il-kontijiet tas-servizzi essenzjali jogħlew mas-smewwiet.

Iriduhom jonfqu. Minn fejn se jġibu l-flus dawn, billi jużaw il-karti ta' kreditu u jiddejnu aktar milli huma mdejjnin? U dan mhux id-dejn li ma jistax jitħallas, la minn individwi u lanqas minn gvernijiet, li kkraxxja s-sistema kapitalista!

Imma l-gvernijiet qaddejja huma 'għala għajnhom' mill-qagħda tal-ħaddiema u l-pensjonanti.

Basta jsalvaw il-banek, basta jħallu lis-sinjuri jkomplu jevadu milli jħallsu t-taxxi. Fir-Renju Unit il-gvern jitlef mal-£100 biljun mill-evażjoni. Imma ma jagħmel xejn anzi jkompli jaħfer lil kumpaniji bħal Vodaphone u Goldman Sachs miljuni fuq miljuni ta' taxxi.

Għalhekk se jkomplu jimponu miżuri oxxeni ta' awsteritá li qegħdin jolqtu mhux biss lil dawk tradizzjonalment klassifikati bħala "ħaddiema" imma anke l-hekk imsejħa klassi medja li kull ma jmur aktar qiegħda tintebaħ li hija parti mill-klassi tal-ħaddiema.

L-idea tal-klassi medja kienet ħolqien ta' l-ideoloġija kapitalista biex ikun hemm saff ta' nies bejn is-sidien tal-kapital u l-ħaddiema, li joħolqu l-ġid. Ikkonvinċew lil ħafna li, għax jaħdmu għal rashom jew huma impjegati f'xi uffiċċju, ma kienux ħaddiema. Meta fil-fatt dawn kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom bil-ħidma ta' dirgħajhom jew moħħhom.

Qegħdin jivvintaw minn kollox biex jikkonvinċu lill-ħaddiema isalvaw is-sistema. Tant li issa ħargu bl-hekk imsejħa 'pay day loans' biex iħajjru lill-ħaddiema jiddejnu aktar "biex jgħixu komdi" billi jiddejnu u jonfqu. Fil-fatt qegħdin jgħasru aktar lil dawk li jibilgħu din il-lixka.

Din hija sistema ta' użura ġdida, legalizzata. Hija prova oħra ta' liema qagħda mwiegħra ntefa' l-ħaddiem għax qiegħed ikollu jiddejjen biex ilaħħaq mal-ħajja minn paga sa paga. Għax kullimkien fid-dinja kapitalista l-paga mhix tlaħħaq ma' l-inflazzjoni, jiġifieri l-ħaddiema qegħdin kuljum jiftaqru aktar.

Mhux ta' b'xejn li fit-toroq ta' l-ibliet ċentrali tal-kapitali bħal New York, Londra u oħrajn miljuni ta' nies qegħdin joħorġu jipprotestaw kontra l-miżuri ta' awsteritá u kontra s-sitwazzjoni oxxena fejn il-ftit, il-1%, qegħdin ikomplu jistgħanew fuq il-miżerja tal-kotra.

U s-sidien tal-kapital għandhom f'idejhom il-kontroll tal-forzi tas-sigurtá u minkejja l-paroli sbieħ dwar demokrazija u libertá, ma joqgħodux lura milli jużaw il-forza u liġijiet kontra d-dimostranti u l-ħaddiema meta dawn jieħdu azzjoni demokratika.

## L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri fuq bażi personali tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen tax-xellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjetá Maltija permezz ta' attiviżmu minn perspettiva xellugija, b'emfażi fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilta' ekoloġika.***

***Kull korrispondenza lill-Għaqda Żminijietna għandha tintbagħat fl-indirizz PO Box 35 Sliema fuq jew zminijietna@yahoo.com***

**Il-kitibiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta' l-Għaqda Żminijietna.**

**Il-gazzetta Żminijietna hija pubblikazzjoni ta' kull tliet xhur ta' l-Għaqda Żminijietna. Disinn: KoPri Koperattiva Ltd. Stampar: Union Print, Marsa.**

# Lejn politika ta' Green Jobs

- Michael Briguglio

Ftit tal-ġimgħat ilu, il-Fondazzjoni Ceratonia, flimkien mal-Green European Foundation, organizzat seminar dwar il-green jobs f'pajjiżi żgħar. Il-kelliema ppreżentaw riċerka li għamlu f'dan il-qasam b'konnessjoni ma' dan is-suġġett. Bħala wieħed mill-kelliema, involvejt ruħi f'riċerka flimkien ma' żewġ soċjologi oħra – Maria Brown u Diana Aquilina – dwar perspettivi mis-soċjetà ċivili dwar il-green jobs f'Malta, b'enfasi fuq l-enerġija sostenibbli. Fir-riċerka kkonsultajna ma' rappreżentanti ta' unjins u għaqdiet ambjentali. Sfortunatament, ma kellniex rispons mill-għaqdiet ta' min iħaddem.

Hemm bosta definizzjonijiet ta' x'inhuma 'green jobs', li jinkludu dik tal-Programm Ambjentali tal-Ġnus Magħquda, li titkellem dwar xogħol fl-agrikultura, manifattura, riċerka u żvilupp, amministrazzjoni u servizzi li jikkontribwixxu b'mod sostanzjali fil-preservazzjoni jew biex tiġi restawrata l-kwalità tal-ambjent.

Il-Green Jobs qed jiżdiedu madwar id-dinjja, iżda tajjeb li wieħed ipoġġi kollox f'kuntest ekonomiku, politiku u soċjali. Per eżempju, jista' jkun li politika ambjentali stretta wisq tista' twassal sabiex xi investiment jiċċaqlaq lejn pajjiżi b'regoli inqas stretti. Jista' jkun ukoll li jinħolqu tipi differenti ta' green jobs, li fost oħrajn ivarjaw minn dawk b'kundizzjonijiet tajbin u pagi għoljin għal dawk prekarji, b'nuqqas ta' sigurtà u b'pagi baxxi. Għalhekk, bħalma jissuġerixxu s-soċjologi Angelov u Jonannson, tajjeb li wieħed iqis il-kwalità, u mhux biss il-kwantità ta' green jobs.

Skond il-politika nazzjonali għall-ambjent proposta mill-Gvern Malti, f'pajjiżna għandhom jinħolqu iktar opportunitajiet ta' green jobs. Mingħajr ma jagħti dettalji ċari, il-Gvern qed jipproponi żieda ta' impjiegi ta' dan it-tip b'50 fil-mija sal-2015, kif ukoll li pajjiżna jkollu strateġija ċara u jkun inkubatur għall-industrija ħadra qabel din id-data.

F'dan il-kuntest, u b'enfasi fuq il-qasam tal-enerġija sostenibbli, tajjeb li jiġi rikonoxxut li Malta, bħala l-iżgħar pajjiż fl-UE, għandha wieħed mill-iktar rati għoljin ta' tunnellaġġ ta' żejt għal kull persuna, u qegħda fl-aħħar post f'dak li għandu x'jaqsam ma' użu ta' enerġija rinnovabbli fl-UE. Ġaladarba pajjiżna jista' jagħmel użu minn enerġija mix-xemx u mir-riħ, jeħistu opportunitajiet kbar fil-qasam tal-enerġija sostenibbli. Dan jinkludi xogħol fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll xogħol ieħor bħal dak li għandu x'jaqsam mal-kostruzzjoni ta' bini li huwa effiċjenti fl-użu tal-enerġija, u t-titjib ta' bini eżistenti f'dan ir-rigward.

Politika favur enerġija sostenibbli tista' mhux biss toħloq ix-xogħol, iżda tista' tgħin fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u tnaqqas id-dipendenza fuq enerġija maħmuġa u skarsa miż-żejt, gass u sorsi oħra. Dan ikun ta' benefiċċju għas-sigurtà u l-kompetittività.

Fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u tal-kriżi ekoloġika, jidher biċ-ċar li dipendenza fuq enerġija maħmuġa m'hijiex xi ħaġa sostenibbli. Huwa għalhekk li l-Ħodor Ewropej, permezz tal-politika tal-*Green New Deal*, huma fost il-promoturi ewlenin tal-green jobs. Prijorità ewlenija f'dan il-qasam hi li l-UE tipproduċi l-enerġija kollha tagħha minn sorsi rinnovabbli sal-2050. Il-Ħodor Ewropej qed jipproponu wkoll li sas-sena 2020, u mqabbla mas-sena 1990, mill-inqas 20 fil-mija tal-enerġija fl-UE tkun rinnovabbli, filwaqt li l-emissjonijiet $CO_2$ jonqsu b'40 fil-mija fl-istess perjodu, bħalma qed jirrakkomandaw xjentisti ewlenin f'dan il-qasam. Fl-istess ħin, għandu jkun hemm grid Ewropew tal-enerġija.

Wara ħafna negozjati u diskussjonijiet, l-UE għażlet politika inqas ambizzjuża, jiġifieri li tnaqqas l-emissjonijiet $CO_2$ b'20 fil-mija u li l-enerġija rinnovabbli tkun 20 fil-mija tat-total sal-2020. Malta hi obbligata li tipproduċi 10 fil-mija tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli sal-istess sena, u tista' żżid l-emissjonijiet $CO_2$ b'ħamsa fil-mija meta mqabbla mal-1990.

Fir-riċerka li jien għamilt flimkien ma' Maria Brown u Diana Aquilina, irriżulta li r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili jirrikonoxxu li politika favur enerġija sostenibbli tista' toħloq il-green jobs, u huma tal-opinjoni li l-benefiċċji huma ikbar minn riperkussjonijiet negattivi bħall-possibilità li jintilfu xi impjiegi f'xi setturi oħra. Iżda s-soċjetà ċivili qed turi tħassib li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet ta' inguwaljanza f'dan il-qasam, bħal m'hu x-xogħol prekarju.

Irriżulta li r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili jappoġġjaw il-kunċett ta' żvilupp sostenibbli, li jgħaqqad prijoritajiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi. Fil-fatt, kien hemm enfasi fuq il-bżonn ta' politika iktar ħolistika u inklussiva f'dan il-qasam, permezz ta' konsultazzjoni u diċentralizzazzjoni, fejn l-istat jaħdem bi sħab mas-soċjetà ċivili, u fejn jista' jkun hemm politika fuq livelli varji, kbar u żgħar, bħal m'huma l-livelli lokali, nazzjonali u Ewropej.

Għalhekk, f'pajjiżna teżisti kuxjenza dwar il-potenzjal tal-green jobs. Dan jawgura tajjeb għall-opportunitajiet, sfidi, antagoniżmi u deċiżjonijiet li s-soċjetà Maltija se tesperjenza fis-snin li ġejjin.

**Akkwista kopja tal-gazzetta Żminijietna - Leħen ix-Xellug**

Isem:____________ Kunjom:____________

Indirizz:____________________________

____________________________

Emejl:____________________________

Sena: (5 euros) ☐ Sentejn: (10 euros) ☐

***Ibgħat il-formola lil: Żminijietna P.O.Box 35 Sliema SLM1000***

# Is-sistema ta' l-edukazzjoni hija ppjanata biex tipproduċi nies li ma jistaqsux

Fis-sensiela ta' intervisti li Żminijietna - Leħen ix-Xellug tippubblika regolarment ma' esperti fl-oqsma soċjo-politiċi u edukattivi, din id-darba kellmet lill-Professur Carm Borg, edukatur ewlieni mill-Università ta' Malta

***Żminijietna: Tul l-aħħar snin l-edukazzjoni politika ekonomika kienet imsejsa fuq il-kitbiet u l-ideoloġija tal-gurus 'neo-con' ċampjins ta' l-ekonomija tas-suq ħieles. Din it-tip ta' edukazzjoni, kellha effett biex feġġet il-kriżi kapitalista li għaddejja minnha d-dinja tal-Punent?***

**Prof. Borg:** Il-gurus 'neo-con' kitbu l-aktar kapitlu riċenti tal-kapitaliżmu; il-kapitlu l-aktar selvaġġ ta' arranġament soċjo-politiku li, aktar minn qatt qabel, ipoġġi l-profitt qabel drittijiet u ħajjet il-bniedem.

Biex iċ-ċirku edukattiv tal-gurus 'neo-con' ikun komplut, jeħtieġ miljuni ta' xandara, dawk li Antonio Gramsci jsejħilhom l-*intellettwali organiċi*, li b'kelmithom, għemilhom, kitbiethom, u ħidmiethom, ixandru l-vanġelu skont il-profitt.

Ħafna minn dawn l-intellettwali, mifruxin ma' kull rokna ta' l-apparat tal-istat essenzjalment kapitalist – il-familja, ix-xandir, l-iskejjel, il-qrati, il-kmamar tal-kummerċ, il-postijiet tax-xogħol, il-bordijiet tal-kumpaniji, il-federazzjonijiet ta' l-industrija u l-burokrazija, fost istituzzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili - ġew edukati biex ma jistaqsux mistoqsijiet skomdi dwar il-karatteristika predatarja tal-kapitaliżmu.

Għalkemm ħafna minn dawn l-intellettwali organiċi ma jqisux ruħhom bħala għalliema fis-sens dejjaq tal-kelma, il-funzjoni tagħhom hija essenzjalment edukattiva, dik li jwasslu l-messaġġ li ma teżistix alternattiva għall-kapitaliżmu u, għalhekk, kull ħolm li jista' jwassal għal tqanqil b'risq dinja differenti minn dik li hi, jitqies bħala ħolm nostalġiku, akkademiku u perikoluż.



Ix-xogħol edukattiv tal-intellettwali organiċi tal-kapitaliżmu, ħafna aktar b'saħħtu u mifrux minn ta' dawk li joħolmu b'dinjiet li għad iridu jkunu, wassal biex il-massa tidentifika ruħha ideoloġikament mal-loġika kapitalista u tipparteċipa b'mod attiv, bil-karta tal-plastik fuq naħa u l-kambjali fuq naħa oħra, f'proċess spekulattiv u konsumist li wassal għall-kriżi finanzjarja, etika u morali li ninsabu fiha. Mingħajr it-trawwim ideoloġiku/edukattiv u l-parteċipazzjoni attiva tal-massa, il-viżjoni normalizzata kapitalista tan-'neo-con' ma kinitx takkwista l-leġittimità universali li għandha llum.

F'din il-ġrajja eġemonika wieħed ma jistax jinjora l-importanza ta' kultura popolari essenzjalment kummerċjali u anti-intellettwali li għandha għeruqha fit-tfaqqir tax-xandir tal-istat, il-marġinalizzazzjoni tal-ħsieb kritiku fil-kurrikulu, it-tolleranza għall-medjokrità u s-superfiċjalità, u l-allerġija għar-rigorożità u l-profondità. Meta din il-kultura tingħaġen mal-aljenazzjoni tal-konsum, ir-reżistenza għall-kolonizzazzjoni ideoloġika kapitalista tiddgħajjef.

***X'inhuma dawk l-elementi li jikkaratterizzaw dak li inti qiegħed issejjaħ bħala 'l-proċess tal-kolonizzazzjoni ideoloġika'?***



**Prof. Borg:** Element ewlieni tal-ideoloġija kapitalista huwa l-glorifikazzjoni ta' l-individwu privat li jgħix f'kompetizzjoni perpetwa ma' individwi privati rivali. Dan l-element huwa l-fus li madwaru jdur l-imperu tal-profitt. Huwa dan l-element bażiku li jossiġna proċess propogandistiku li jwassal għall-konsum li jiddefinixxi lill-individwu u jiddistingwih mill-individwi rivali tiegħu.

Livelli differenti ta' konsum iwasslu għat-tieni element importanti fl-ideoloġija kapitalista – il-ħolqien ta' ġerarkija ta' akkumulazzjoni ta' ġid u poter, u sitwazzjoni fejn dak li jikkonsma l-anqas iħares 'l fuq u jaspira li xi darba konsumtu jkun akbar u qrib dak ta' fuqu, anki jekk hemm bżonn jiddejjen, jilagħbhom jew jeqred lil ta' madwaru.

L-antropoċentriżmu huwa element ieħor li jneffes lill-mudell kapitalist. Dan l-element jagħti d-dritta lill-kapitalist biex, f'isem il-progress u l-iżvilupp, jeqred dak kollu li jista' jtellfu fil-pjanijiet espansjonistiċi tiegħu. Id-difiża ta' dak kollu li mhux bniedem hija sekondarja quddiem il-profitt li jibqa' mill-qerda tal-ambjent. Dan ma jfissirx li l-kapitaliżmu għandu xi mħabba speċjali lejn il-bniedem. Il-gwerra tal-Iraq tibqa' tfakkarna li ma' *żejt il-kapitaliżmu* ma jiċċajta ħadd.

L-esplojtazzjoni ta' riżorsi naturali u umani f'isem il-kompetittività hija karatteristika ewlenija oħra tal-kapitaliżmu. U hawn fejn in-nuqqas ta' rispett lejn ħajjet u drittijiet il-bniedem jilħqu l-aktar livelli baxxi. Miljuni nqatlu biex iżommu r-rota tal-kapitaliżmu ddur.

L-illużjoni li t-tkabbir ekonomiku m'għandux limitu, li l–progress huwa lineari u infinit u li l-konsum m'għandux għalfejn ma jkomplix jiżdied huma tliet karatteristiċi ta' element ieħor kapitalist - mentalità ekonomika espansjonista.

Ir-rabta tal-ekonomija kapitalista mal-libertà u ċ-ċiviltà waslet biex miljuni jaċċettaw li d-demokrazija u l-konsum huma ħaġa waħda.

***Issa jidher li hemm xquq f'dan il-mudell....***

**Prof. Borg:** Hekk hu. Il-ħajt li jifridna mit-tnawwir tas-sistema kapitalista ixxaqqaq. Dawn ix-xquq ippermettew lil ħafna biex jaraw il-monstru wara l-ħajt – il-bdil fil-klima, il-kriżi finanzjarja, it-tqanqil soċjali u l-iskarsezza tar-riżorsi li ħaddmu l-magna kapitalista.

Il-mit tal-konsum infinit sploda, ix-xogħol marbut mal-konsum naqas drastikament, il-faqar resaq lejn siti ġeografiċi li tradizzjonalment kienu komdi, miljuni tilfu darhom, ħafna qegħdin jieklu minn ġewwa, is-simbolu ta' l-akkumulazzjoni - il-propjetà – naqaslu l-valur, żoni industrijali ssaddu, miljuni ma jifilħux idawlu jew isaħħnu darhom, u miljuni jeżistu aktar milli jgħixu. Sadattant, in-nefqa fil-militariżmu kompliet tiżdied.

Il-qafas ekonomiku mibni fuq l-ispekulazzjoni u l-konsum bla rażan jidher li tkaħħal ma' ħajt.

***Dan iffiser tmiem il-kapitaliżmu?***

**Prof. Borg:** Jista' jkun it-tmiem tal-kapitaliżmu kif nafuh illum. Jista' jkun ukoll li se naraw aktar tqanqil soċjali globali mill-maġġoranza skomda li qed tara l-1% jiddomina fuq il-kotra; maġġoranza li tippreferi tmut darba milli tinżamm f'għafja perpetwa tal-mewt. Il-frak li jaqa' minn fuq il-mejda tal-1% m'għadux soċjalment sostenibbli.

Bil-mudell attwali ta' akkumulazzjoni ta' ġid u poter u frak għall-ħafna, huwa kkalkulat li hemm bżonn il-biokapaċità ta' ħmistax-il dinja biex tipprovdi $3 kuljum lil kulħadd! It-tqassim ekwu tal-ġid huwa ġest soċjali u ekonomiku inevitabbli u urġenti.

***Azzjoni drastika li ġġib magħha l-bżonn ta' bidla fl-edukazzjoni .....***

**Prof. Borg:** Hekk hu. Biss, din il-bidla ma tistax issir jekk ma nġibux lura l-fervur tas-sittinijiet; qawmien intellettwali u azzjoni edukattiva b'risq il-ġustizzja soċjali. Il-prinċipji maniġerjali li daħlu fil-qasam edukattiv, fejn l-għalliema jitqiesu bħala tekniċi, kompetenti primarjament biex iħarrġu lill-istudenti f'lista ta' kompetenzi fini u dojoq li wieħed faċilment jista' jeżaminhom, qerdu ħafna mill-ispazji għad-djalogu ntellettwali li jindirizza l-isfidi soċjali, kulturali u ekonomiċi lokali u dinjin. Il-pjan irnexxa tant li żviluppat allerġija qawwija għall-intellettwaliżmu fil-kamp edukattiv.

Biex l-edukazzjoni tagħmel differenza politika, jeħtieġ li l-litteriżmu kritiku jitqies bħala element bażiku daqs l-litteriżmu funzjonali. Huwa l-litteriżmu kritiku li jista' jwassalna għall-għarfien akbar tad-diskriminazzjoni strutturali fil-qasam edukattiv, minkejja l-eżistenza ta' dokumenti, bordijiet u kumitati ta' kull tip u xorta. L-istess litteriżmu jista' jwassal lill-għalliema, biex jifhmu l-irwol intellettwali tagħhom u l-obbligu morali u etiku li għandhom biex jikkonfrontaw in-nuqqasijiet tas-sistema f'kuntest soċjali, politiku u ekonomiku.

Dan il-proġett tal-irkuprar tal-ispirtu tas-sittinijiet huwa urġenti hekk kif ħarbitilna minn idejna l-idea li l-edukazzjoni tista' tillibera u, minflok, donna aċċetajna li l-edukazzjoni għandha sservi primarjament lid-dinja tax-xogħol.

***Ritratt: Is-sistema edukattiva preżenti msejsa fuq l-egoiżmu ndividwalista qiegħed joħloq stress mhux biss fuq l-istudenti imma anke fuq l-għalliema li huma mgiegħla jissieltu biex juru li huma aħjar minn ħaddieħor mingħajr ebda sens ta' solidarjetá***

*Dan l-argument ma' l-Prof Borg se jissokta f'ħarġa oħra ta' Żminijietna*

# Studenti jsiru prostituti biex iħallsu l-edukazzjoni




L-Unjoni Nazzjonali ta' l-Istudenti (NUS) tar-Renju Unit, qalet li numru dejjem jikber ta' studenti qegħdin isiru prostituti biex jiffinanzjaw l-edukazzjoni tagħhom.

L-NUS qalet li barra minn din is-sitwazzjoni, huwa stmat li 20 fil-mija tat-tfajliet li jaħdmu bħala 'lap dancers' fil-klabbs huma studenti.

L-NUS qalet li ħafna studenti oħra qegħdin jirrikorru għal-logħob ta' l-azzard u qegħdin jieħdu parti wkoll fi sperimenti mediċi bħala "guinea pigs" għall-istess għan. Dan huwa kollu tort ta' ż-żidiet kbar fl-ispiża tal-ħajja, fil-miżata' ta' l-iskejjel u l-universitajiet kif ukoll għall-qtugħ fl-għajnuna li kienu jieħdu mill-istat taħt l-iskema "education maintenance allowance" (EMA).

S'intendi l-gvern jgħid li qiegħed joffri lill-istudenti "pakkett ġeneruż" ta' appoġġ finanzjarju. Stqarrija li l-maġġoranza assoluta ta' l-istudenti ma jaqblux magħha kif wrew fil-protesti u dimostrazzjonijiet li wettqu u għadhom iwettqu kontra l-politika tal-gvern lemini li jaqta' l-ispiża tal-gvern. ***(ritratt fuq)***

Din il-politika hija parti mill-programm ta' awsteritá li dan il-gvern qiegħed jimponi fuq il-poplu biex isalva l-banek ħallelin. Bħal gvernijiet Ewropej oħra qiegħed jitfa' l-piż kollu fuq il-ħaddiema, l-pensjonanti, dawk bla xogħol u s'intendi fuq l-istudenti.

Estelle Hart, l-uffiċjal nazzjonali ta' l-NUS inkarigata min-nisa qalet f'intervista li l-qtugħ tal-finanzi mill-gvern poġġa aktar pressjoni fuq l-istudenti. Hija qalet, li biex ilaħħqu l-istudenti qegħdin jieħdu "miżuri perikolużi".

Fi klima ekonomika fejn ftit hemm impjiegi, fejn l-appoġġ lill-istudenti tnaqqas bil-qawwa, dejjem aktar nies qegħdin ifittxu xogħol fl-ekonomija informali, inkluż xogħol "sesswali".

L-English Collective of Prostitutes, li topera 'helpline' mill-bażi tagħha f'Londra, qalet li n-numru ta' sejħiet li tirċievi minn studenti rduppjaw din is-sena. Sarah Walker, minn din l-organizzazzjoni, qalet li n-numru ta' studenti li kkuntattjawhom ilhom jiżdiedu matul dawn l-aħħar 10 snin.

Imma l-grupp beda jirċievi numru bla preċedent ta' sejħiet minn mindu l-gvern ħabbar li l-universitajiet jistgħu jiċċarġjaw sa £9,000 fis-sena bħala miżati. "Il-Ministri jafu li t-tnaqqis fl-infieq li qegħdin jagħmlu, qiegħed jitfa' n-nisa fil-prostituzzjoni".

Mhumiex biss l-istudenti ta' l-universitá li qegħdin isiru prostituti. Tfalja li qegħda tistudja għall-'A' Levels qalet li saret "escort" meta sabet li l-EMA kienet se titnaqqsilha. Qalet li ma tistax tmur il-kulleġġ mingħajr l-EMA speċjalment għax l-ispiża tat-trasport tilħaq £70 fix-xahar.

Qalet ukoll li ħafna ħbieb tagħha marru jaħdmu fi ħwienet u kellhom jabbandunaw l-edukazzjoni. Min-naħa l-oħra wissiet kontra min jagħżel it-triq li għażlet hi għax saret persuna differenti u tilfet il-fiduċja fin-nies.

Sadanittant Dr Ron Roberts, lecturer anzjan fil-psikoloġija fl-Universitá ta' Kingston, qal li stħarriġ fost eluf ta' studenti wera li 16% huma lesti jaħdmu fl-industrija tas-sess "u dan huwa nkwetanti ħafna".

# Il-pożizzjoni tal- FOR.U.M fl- MCESD għadha "status quo"

F'laqgħa tal-MCESD li saret nhar l-Erbgħa, 21 ta' Diċembru, ġiet diskussa l- kompożizzjoni tal-membri tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali.

Għal darb'oħra id-diskussjoni ma wasslet mkien u reġgħet spikkat in-nuqqas ta' ħeġġa min-naħa tal-Gvern li jieħu deċiżjoni.

Il-Gvern issa ssuġġerixxa li l-kumitat li kien twaqqaf biex jeżamina l- kompożizzjoni tal-MCESD għandu jfassal kriterji biex jiġi stabbilit min għandhom ikunu l-membri l-ġodda u kif u fejn dawn għandhom jaħdmu.

Il-Forum Unions Maltin issa ilu li applika biex jipparteċipa f'dan il-Kunsill sa mill-2004, jiġifieri seba' snin ilu u l-Gvern għadu jistudja!

Dawn it-tattiċi ta' dewmien u n-nuqqas ta' rieda mhux ser jaqtgħu qalb il-11-il Union imsieħba fil- FOR.U.M. li ser ikomplu jikkumbattu din il-politika ta' esklużjoni u esklussivitá.

Sadanittant, il-Forum Unions Maltin għadu wkoll eskluż mill-Bord għar-Relazzjonijiet Industrijali, qal is-Segretarju tal-FOR.U.M, Paul Pace fi stqarrija għall-istampa.

# Capitalism exploits child labour

**- Gerard Devlin**, Ireland

The many different characteristics of globalised capitalism invariably results in different degrees of human exploitation, but none worse than the use of child labour to produce goods. Globally there are an estimated 215 million children between the ages of five and fifteen labouring for up the 16 hours per day, with 115 million working in hazardous conditions, while about a million children are trafficked every year.

Children as young as five are using pesticides, working with caustic or toxic chemicals, using dangerous machinery, labouring in the construction, manufacturing and agricultural industries, without regard to their health, safety or welfare. The worst forms of exploitation, the pornographic industry, slavery, debt bondage, prostitution, serfdom and child soldiers go to make up a significant proportion.




Global child exploitation, despite the various campaigns, has dramatically increased over the past quarter of a century. Child labour including prostitution is a growing problem in former Soviet nations where it was previously effectively abolished in most areas.

While exploitive child labour in some regions can be partly attributed to dire poverty and consequently a symptom of gross economic and social inequality, the so-called industrialised West certainly isn't untainted by such practices.

Many large food and agricultural producers in both Europe and North America are making huge profits from hidden child labour.

It is estimated that the vast majority of the large agricultural producers in the USA openly use unregulated, undocumented migrant labour. Very often a condition of employment is that the worker has a family to assist them in their work.

Children of undocumented migrant's under the age of 14 go to make-up 8% of all fatal accidents in American agriculture. Just 1 in 5 of the estimated 215 million children in conditions of child labour gets paid for their work.

We in the West profess our horror at the exploitation of children. NGOs, charities, statutory agencies, churches, and international bodies have campaigned on this issue for 150 years, yet we all not only tolerate through our indifference, resignation or denial but actively create the circumstances in which capitalism is content to supply our growing need by whatever method is most cost effective.

The most recent Global Report of 2010 from the ILO, on their International Programme on the Elimination of Child Labour (IPEC) would suggest progress has been made, however, they also recognise the number of children economically active usually reflect the global economy, rising and falling accordingly.

While there is little doubt the ILO in an attempt to eradicate Child Labour by 2016 are making progress on the elimination of child labour, they do however place at the core of this project the very organisation that has created many of the problems in the first place, the World Bank.

As Communists and Trade Unionists we must oppose the exploitation of any human being particularly the most vulnerable and we must speak up for those without a voice.

# Ir-rwol tan-nazzjon stat u l-kriżi ekonomika

**Id-diskussjoni pubblika dwar il-'Kriżi Ekonomika' ttellgħat fi 19 ta' Novembru 2011 ġewwa 67, Triq id-Dejqa, l-Belt Valletta u kienet id-dsatax mis-sensiela ta' diskussjonijiet pubbliċi dwar temi politiċi u soċjali li qed jiġu organizzati minn Żminijietna.**

Il-kelliema prinċipali kienu Toni Abela (Partit Laburista), Michael Briguglio (Alternattiva Demokratika), u Wayne Hewitt (opinjonista u attiv mall-partit Nazzjonalista). Mexxa d-diskussjoni l-ġurnalista James Debono.

***James Debono staqsa f'kuntest li qed nghixu fih illum, ta' kriżi ekonomika: Kemm taħsbu li l-Gvernijiet Nazzjonali baqgħalhom spazju ta' manuvra? Kif ukoll kemm taħsbu li baqgħalhom 'say demokratiku', fejn ħafna deċiżjonijiet m'għadhomx prerogattiva ta' l-Istat, imma huma kundizzjonati minn dak li qed jiġri fid-dinja ta' madwarhom u swieq finanzjarji?***

*Toni Abela (Partit Laburista)* beda diskussjoni billi ta' spjegazzjoni analitika ta' l-istorja ekonomika. Hu qal illi wara t-Tieni Gwerra Dinjija, kienet tinħass il-ħtieġa tal-presenza tal-Istat, fil-kontroll u r-regolamentazzjoni ta' l-ekonomija, sabiex tiġi stimulata l-ekonomija.

Il-fawtur prinċipali ta' sistema ekonomija, wara t-Tieni Gwerra Dinjija, kien l-ekonomista Maynard Keynes. It-teorija tiegħu kienet is-salvazzjoni ta' l-ekonomija dinjija, billi l-*'kapital'* ingħata f'idejn in-nies sabiex jkun hemm aktar konsum, li jfisser aktar produzzjoni. Fil-fatt l-ħolqien tas-servizzi soċjali, hawn min jgħid, li hija teorija, kważi kważi anti-marxista, għalkemm ħafna oħrajn jippreżentawha bħala teorija ntrinsikament Soċjalista.

Oħrajn jgħidu li l-*'Welfare state'* kull ma għamel hu li naqqas mid-dannu li għamlet is-sistema kapitalista, peró ma solvietx il-problemi ekonomiċi u soċjali fil-fond tagħhom.

Minn naħa l-oħra kellna Hayek li kien qal li l-intervent ta' l-Istat ixekkel l-ekonomija milli tikber u kien jippriedka sabiex l-istat jservi biss bħala arbitru. Wara dan, bdew deħlin teoriji monteristi minn nies bħal Milton Friedman, Keith Joseph li kien il-konsulent prinċipali ta' Magaret Thatcher, Schlesinger li kien il-konsulent prinċipali ta' l-Amministrazzjoni Bush, kif ukoll kellek il-famuża skola ta' *'Chigago boys'* li kienet tesperimenta bl-Amerika Latina.

Din l-iskola ta' *'Chigago boys'* sa anke ntervjeniet attivament biex tinstalla Gvernijiet ' konservattivi', bl-aktar eżempju ċar hu t-tneħħiha bil-forza tal-Gvern Xellugi Ċilen ta' Salvador Alende fl-1973 u minfloku ġie installat reġim li kien iħaddan ideoloġija kuntrarja tal-intervent ta' l-Istat fi tħaddim ta' l-ekonomija.

Bil-mod il-mod bdiet tirbaħ din it-teorija *neoliberali* fejn l-Istat hu biss *'sens ta' level playing field'* bejn minn jissuplixxi s-servizzi u minn jilgħabha ta' konsumatur. Din is-sistema kienet maħsuba li tiġġenera aktar ġid, b'teorija ekonomika fejn *is-suq ħieles* jirregola hu l-prezzijiet. Ftit ftit qed naraw li din it-teorija wkoll qiegħda tfalli.

Il-Ħassieb Marxista Alain Bodiou jispjega b'mod sempliċi l-falliment ta' din it-teorija fejn qal li *"filwaqt li ħafna kienu jaħsbu li meta persuna qed tħallas ("x"ammont) sabiex tieħu servizz li sa ftit ilu kien joffrih l-Istat, bħal banek, posta, servizzi oħra essenzjali u li llum dawn ġew 'outsourced' lis-settur privat, wieħed kien jaħseb, li l-fatt li l-gvern neħħa responsabiltá tiegħu mit-tħaddim ta' dawn is-servizzi, il-gven kien ħa jkun aktar b'saħħtu ekonomikament.* Meta fil-fatt li ġara hu li ċ-ċittadini sabu ruħhom mingħajr ma jafu, indirettament jew direttament, qed iħallsu doppjament 'dual pay' għall-istess servizz li kienu jieħdu mill-Istat, bil-konsegwenza li llum iċ-ċittadini qed iħallsu ferm aktar u




mhux qed jibqgħalhom flus biex iħallsu għal dawn is-servizzi,' temm jgħid Toni Abela

Toni Abela għalaq id-diskors tiegħu billi staqsa, għala n-nies inżammu milli jkunu jafu f'liema stat tinsab l-ekonomija dinjija biex imbagħad meta falliet, ħafna nies spiċċaw tilfu ġidhom, ix-xogħol u djarhom?

*Wayne Hewitt (opinjonista u attivist Nazzjonalista)* qal li jinsab kuntent jisma' li qed naċċettaw li hawn kriżi ekonomika, għax f'Malta il-Partit Laburista jitkellem qisu ma hawnx kriżi, filwaqt li semma numru ta' miżuri li ħa l-Gvern Nazzjonalista biex jimminimizza l-impatt, fosthom aktar ħolqien tax-xogħol, ta' prioritá lis-settur privat u aktar privatizzazzjoni, kabbar ir-rata ta' tkabbir f'dak li hu GDP, naqqas in-nies mas-settur pubbliku, inċentiva l-pensjonanti u n-nisa biex joħorġu jaħdmu, fost ħafna oħrajn. Hu għalaq billi qal li l-Gvern llum qed jipprova jinċentiva l-ekonomija biex il-pajjiż ikompli miexi aktar il-quddiem.

*Michael Briguglio (Alternattiva Demokratika)* beda d-diskussjoni tiegħu b'riferenza għal analiżi ta' Alan Lipbetz (soċjologu u attiv ma' l- European Greens), fejn qal "*li minn kull analiżi li ssir, joħroġ li hemm numru ta' fatturi li jwasslu għal dik ix-xi ħaġa".* Fil-fatt l-kriżi globali li qed niffaċċjaw llum għandek fiha elementi soċjali, ekonomiċi, ambjentali, li kollha jinfluwenzaw. Ma nistgħux ngħidu li l-kriżi hi biss ekonomika. Għalkemm l-argument ta' ċertu Marxisti li jemmnu li l-kriżi hi waħda ekonomika u ġejja mill-kapitaliżmu fiha ċertu validitá wkoll.

Michael kompla billi qal li hemm kriżi wkoll ekoloġika, fejn iċ-Ċina li għandha stil tagħha ta' kif tmexxi l-ekonomija hi l-ikbar *'polluter'* fid-dinja u nemmen li kieku l-Unjoni Sovjetika kienet hemm, lejn dak il-pass kienet timxi.

Issa l-argument f'din id-diskussjoni jidher li hu aktar politiku, jekk *nation state* għadux validu. Kważi kważi, il-kunċett ta' *nation state* qed isir 'obsolete'. Nemmen li l-Unjoni Ewropea tista' biss tissaħħaħ, anqas ma jkun hemm is-saħħa ta' *nation states.* Qal ukoll li d-dinja qed tiżviluppa fi blokki differenti, fosthom il-blokk Amerikan, dak tal-BRIC, ta' l-Amerika Latina (*li nemmen li għadu mhux magħqud)* u l-Blokk Ewropew. Issa nemmen li l-iktar blokka progressiva bi difetti kollha tagħha hi l-Unjoni Ewropea. Eż fi Trattat ta' Kyoto, kienet l-Unjoni Ewropea li mbuttat il-quddiem ir-ratifikazzjoni ta' dan it-trattat, taħt il-Kummissjoni ta' Prodi, bis-saħħa ta' Gvernijiet li fil-maġġoranza tagħhom kienu Xellugin, b'ħafna minnhom b'alleanza ma' Greens.

Kompla biex qal li aħjar ikollok Unjoni Ewropea magħquda milli ħafna stati jiġġieldu b'mod nazzjonalista ma' xulxin, li finalment din is-sitwazzjoni tiffavorixxi ċ-Ċina u l-Istati Uniti. Rigward strutturi demokratiċi Ewropej, wieħed jista' jargumenta, li b'dak li qed iseħħ fil-Greċja u l-Italja, l-istrutturi Ewropej huma anqas demokratiċi, imma dana ma jfissirx li għandna nirrisolvu għal *'nation states'.* Is-soluzzjoni għandha tkun Ewropa aktar demokratika u aktar federalista. Waħda mis-soluzzjonijiet hu li jissaħħaħ il-Parlament Ewropew, li jkollok *'harmonised tax rate'* minflok *'tax dumping',* li tikkonċidi mall-proposta Ewropea favur taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji (FTT).

Nemmen li m'għandniex inħarsu lejn il-mudell Amerikan jew dak Ċiniz, li f'ta' l-ewwel l-gvern investa f'ħafna ħabsijiet privati, minflok investa fis-saħħa u l-edukazzjoni, filwaqt li f'ta' tieni, iċ-Ċina tibbaża l-ekonomija fuq 'cheap labour'. Ma għandniex nattiraw l-investiment bi '*tax dumping*', għax dak jattira investiment volatili, *(li jitlaq malajr),* imma rridu nattiraw investiment għax ikollok ekonomija u nfrastruttura b'saħħitha u stabbli. Il-loġika f'kuntest ta' kapitaliżmu globali, għandha twassal biex il-politika tkun waħda *globali,* mhux politika *nazzjonali.* Rebħa is-sena dieħla tax-Xellug bl-alleanza ma' Greens fil-Ġermanja u Franza jistgħu jġibu bidliet kbar fid-dinja.

***James Debono staqsa lill-kelliema kif jaraw il-problema tad-dejn pubbliku u sostenibilitá ta' l-ekonomija f'Malta?***

*Toni Abela (PL)* qal li ċ-ċokon ta' Malta dejjem kien is-salvazzjoni tagħha. Gvern Laburista fi 70s irnexxilu jegħleb il-kriżi ta' żejt u xenarji simili, għal li għandna llum. Bid-differenza hi li dak iż-żmien, Malta kienet għadha qed tinbena u ma kellhiex flus. Toni Abela kompla biex qal li wara l-elezzjoni li ġejja, nkunu nafu kemm hi kbira s-sitwazzjoni ekonomika f'Malta u l-problema ta' dejn pubbliku. Huwa saħaq li *deficit* nistgħu nilgħabu bih, imma mhux bid-dejn nazzjonali. Bi ħlas ta' imgħax ta' €550,000 kuljum, u dejn nazzjonali riesaq lejn il-5 biljun Ewro, xi darba jew oħra rridu nagħmlu l-kontijiet. Il-Gvern, li qed jagħmel hu li qed jipposponi l-problema. L-idea tal-Gvern li jiftaħ *bonds tal-Gvern* ta' €140 miljun, jfisser li parti kbira ta' l-flus li ser jiġi ppumpjat fl-ekonomija ġej mhux minn investiment barrani, imma minn aktar self, li jfisser aktar imgħaxijiet. Toni Abela kompla biex qal li fuq livell Ewropew ma għandniex insabbtu saqajna u ngħidu ma rridux għajnuna mingħand pajjiżi oħra kbar, fosthom iċ-Ċina jew Russja. L-istess nemmen li l-Unjoni Ewropea għandha jkollha *'audit office'* indipendenti li jara li l-ekonomiji tal-pajjiżi jkunu fuq livell sostenibbli u mhux toqgħod fuq figuri li jgħaddulha l-pajjiżi nfushom. Naqbel li m'għandniex ikollna suq Ewropew ibbażat fuq il-prekarjat biex insaħħu l-ekonomija, għalkemm jidher li l'hemm mexjien. Tajjeb wkoll nifhmu li Spanja, il-Ġermanja u Franza għandhom kapital f'assi barranin, li gawdew minn żmien l-era kolonjali u li bih biss, jistgħu jsolvu l-problemi li għandhom il-pajjiżi tagħhom. Ara imbagħad f'Malta jidher li l-Gvern Malti ser jaħfer id-dejn li akkumulat l-kumpanija 'Palumbo Spa'.

*Wayne Hewitt* irrisponda billi qal li jaqbel ma' ħsieb li *'small is beautiful',* bid-differenza tibqa', imma xi strateġija ser naddottaw biex immexxu l-pajjiż il-quddiem. Tajjeb nżommu f'moħħna li l-ebda pajjiż fl-EU ma għandu *'surplus'.* Fl-Unjoni Ewropea bħalissa għaddejja kompetizzjoni ta' min se jnaqqas *id-deficit* malajr. Malta l-istess, sa 2013 rridu naqsu *deficit* taħt 2%.

*Michael Briguglio* kompla billi qal li fuq livell *macro,* Malta relattivament sejra tajjeb, imma nisperaw li bil-miżuri tal-gvern kif imħabbra fil-baġit 2012 d-dejn pubbliku ma jiżdiedx. Għal dak li hi *micro,* tajjeb inżommu f'moħħna li l-paga minima baqgħet ma żdidietx, filwaqt li l-prekarjat qed jiżdied b'rata allarmanti. Il-miżura tal-gvern għal *'tax reduction'* għalkemm hija tajba, żgur li mhix progressiva, imma pjuttost waħda rigressiva. Il-Gvern imissu għin lil dawk bi dħul baxx, *'low middle income earners'.* Fil-baġit il-gvern ikkastiga wkoll lil min ma għandux tfal. Il-prezz ta' żejt li llum laħħaq il-95% u gass ser jibqa' jogħla. Iktar mal-Gvern jipposponi din il-problema, iktar agħar. Malta mhiex ser tilħaq il-miri Ewropej, bi problemi ekonomiċi għal Malta.

*David Pisani, PRO minn Żminijietna – Leħen ix-Xellug* qal li wara li issa analizzajna dana kollu, x'ser tkun is-sistema ekonomika li ser naddottaw minn issa l-quddiem biex nsolvu l-kriżi ekonomika u sabiex jkollna sistema ekonomika aktar ġusta. Se mmorru għal aktar miżuri ta' awsteritá jew lejn Ewropa Soċjali, aktar deregulazzjoni jew aktar regulazzjoni. Allura jekk qed ngħidu li rridu niġġieldu l-prekarjetá, dana ma jfissirx li l-istat jilgħab parti mportanti fl-ekonomija biex jiġi miġġieled dan il-fenomenu ġdid.

Kompla biex qal li l-politika 'neoliberali' wara li sfruttat kemm felħet ir-riżorsi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, issa qed tippjana li tmaxtar mis-servizzi pubbliċi, b'aktar privatizzazzjoni.

***(Ikompli f'paġna 7)***

# For diversity, against discrimination

**Nighat Urpani**

Alternattiva Demokratika spokesperson on 'Social Development and Health'

Discrimination on the grounds of race, religion or belief, disability, age, or sexual orientation in employment and occupation, is prohibited by the European Union through the EU Anti-Discrimination Directive. The protection is extended from discrimination on the ground of race to the areas of social protection, social advantages, and access to goods and services. The aim is to ensure protection from discrimination on the basis of gender in employment and occupation, as well as in access to goods and services.

The Directive is backed by the European Parliament and was put forward by the European Commission, with an intention to reduce discrimination on grounds of religion or belief, age, disability or sexual orientation, whether direct or indirect, and whether based on real or presumed criteria.

Malta faces a grim reality of discrimination on the basis of race and ethnic origin. However, various efforts are being made by several stakeholders to promote good practices. For instance, the National Commisioner for the Promotion of Equality (NCPE) has been involved with the Equality Research Consortium to develop a framework leading to a national action plan against racism and xenophobia. Their work revolves around a number of strategic objectives and specific initiatives. Their action plan is strategic in nature that provides a roadmap towards the achievement of their objectives, based on human rights approach. They intend to reach all levels of national structures: cultural, legal and political.

The work is being done in the fields of employment, education and training, health and social services, housing and accommodation, racist violence and crime, media, and policing and the criminal justice system. Number of overarching issues like, awareness raising, mainstreaming, data collection




and analysis, empowerment and capacity building, reporting of discriminatory incidents are being addressed by different qualified teams of NCPE.

It is recognized that racism exists in different forms and can be experienced by the various minorities including ethnic, linguistic and religious minorities, on individual and institutional levels. Racism manifests itself in unequal treatment, violence and threats, institutional discrimination, stereotyping and labeling and underlying xenophobia.

One-size-fits-all approach must be avoided at all levels to address the specific needs and concerns of the various minority groups. Activities that allow networking and partnerships are highly recommended. The priority of NCPE is to create an environment that does not accept the presence of racism and where discriminatory treatment is neither accepted nor tolerated. They place a great emphasis on **4Ps: *prevention, protection, prosecution and partnership.***

To reach their anti-discriminatory goals they hold training sessions with several institutions such as Public Service Commission, Office of the Data Protection Commisioner, Office of the Attorney General, Malta Arbitration Centre, Malta Mediation Centre, Industrial Tribunal and Malta Police Force. They collect the feedback after the trainings.

A seminar was organized in October 2011, to raise awareness on experiences based on discrimination and related social challenges, which I myself had the privilege of attending on behalf of Alternattiva Demokratika. The young people were identified as an important target group in an initiative called 'Think Equal".

I found it very informative, educational and fun while having an opportunity to listen to experiences of youth coming from different minority groups. It certainly enhanced my understanding about the importance of challenging stereotypes. We indeed have to 'Make Equality Happen' (slogan used by NCPE awareness raising campaigns). We were also made aware that the complaints dealing with work based discrimination on the grounds of gender and disablity, can be reported to NCPE on https://secure2.gov.mt/socialpolicy/SocProt/equal_opp/equality/contact_us/online_form.aspx

Despite all the efforts, the progress towards equality for all, is moving at a slow pace and the process is lengthy. So far the EU Directive shows less promising signs of being adopted any time soon in all the Member States. A key stumbling block for the Directive is that it needs to be unanimously agreed upon by the Member States, many of whom continue to show a degree of lack of enthusiasm for the principle of equal treatment. NGOs and the EU citizens must also continue to lobby Member States to vote for the Directive, with a hope that their efforts will not go in vain and that EU Equality law will match the expectations of the growing socio-cultural awareness in the 21st century. The ultimate goal is to create more inclusive societies in the EU by modernizing the institutions that run the EU and makes them more democratic.

## L-istat nazzjon u l-kriżi ekonomika

*Jaqbad minn paġna 6*

Tajjeb inżommu f'moħħna li f'Malta biegħħejna l-maġġoranza ta' l-assi statali, artijiet pubbliċi u żidna l-prezz ta' l-enerġija biex jagħmel tajjeb għall-problema ta' *deficit* u dejn pubbliku. Allura wieħed jistaqsi x'politika ekonomika ser nipproġettaw lil hinn minn dik 'neoliberali'?

*Alfred Vella* qal li wieħed jitħasseb kemm hi sitwazzjoni tal-qgħad f'Malta, meta ħafna nies qed jinqataw mir-reġistrar. Meta tgħodd kemm hemm nies jirreġistraw ma' kemm hemm nisa jixtiequ jirreġistraw, jekk imbagħad tgħodd il-ħaddiema b'xogħol prekarju u part-time, is-somma titla' ferm aktar.

*Michael Camilleri* qal li aħna dejjem nagħtu aktar importanza lil avvanz ekonomiku minn dak soċjali. Hemm faxex ta' familji li bil-baġit m'huma ħa jieħdu xejn, jiġifieri dawn marru lura mhux il-quddiem.

*Sandro Chetcuti* semma li l-burokrazija f'Malta qed tnaffar l-investiment filwaqt li l-MEPA mhix user friendly. Għamel wkoll referenza għall-problema ta' dejn pubbliku li llum dan hu aktar minn 65%. Ekonomisti jgħidu li dan ilaħħaq il-85% tal-GDP.

# 'Our leaking lifeboat'

**Sam Camilleri**
Ontario, Canada.

Nearly 20 years ago, in 1992, the world's most renowned scientists – including 100 Nobel Prize winners – issued this stark warning:

*"Planet earth is finite. Its ability to absorb waste is finite. Its ability to provide food and energy is finite, and we are fast approaching many of earth's limits. Current economic practices cannot be continued without the risk that vital global ecosystems will be damaged beyond repair."*

That warning has been ignored, as have many similar subsequent warnings by eminent climatologists and environmentalists.

The dominant economic system, capitalism, is based on maintaining unlimited growth on a limit planet, despite the inescapable catastrophic consequences. Most governments, instead of serving the interests of the majority, have become business lapdogs. They offer corporations the planet's resources to plunder as they wish, with little or no constraints. Given the dependence of all of earth's inhabitants – even the wealthy elite – on the planet's basic life – support capacity, you would by now have started to have doubts about the infallibility of their *"Free market"* doctrine. A few of them are indeed having such qualms; but dissent from the prevailing business – knows – best ideology is not taken seriously, and so global corporate pillaging continues ***unabated.***

The current situation could be compared with that of people stranded miles away from shore in a large but leaking life boat. The leaky stern of the boat, partly submerged, is occupied by the third class steerage passengers *(the workers)* who are up to their waists in water. The second class passengers *(the middle management class)* are a little better off, the water being only up to their ankles.

The most fortunate, so far, are those in first class, *(the rich and the powerful)*, who are still snug and dry in the uplifted bow section. They are also the only ones with guns, so they have appropriated most of the food and blankets for themselves. They care nothing for their fellow passengers, especially the workers in the stern, who are getting so weak that many can no longer perform the tasks they have been assigned; bailing out the water and pulling on the oars.

The middle class passengers are treated a bit better, if only because they sit between the workers and the wealthy. They are given a small share of the food, enough to keep them from starving, but are expected to replace any workers who collapse and can't keep bailing or rowing.

If the CEO s, bankers, investors, and plutocrats in the dry end of the boat weren't so blinded by their ideology and upper – class status, they would see that their comfort and safety could not be preserved indefinitely at the expense of their fellow passengers. They would understand that the sensible thing to do would be to have all the passengers working together, cooperatively, to keep the boat afloat while they concentrated on rowing to dry land. They would share the food and blankets equally, would have everyone (including themselves) taking turns bailing and rowing. That way, they would all have a chance of surviving.

But these privileged members of the elite are so used to giving orders; to living in luxury; to treating workers as inferiors; that they can no longer change their ways. Their **zealotry** is stronger even than their sense of self preservation. So they continue to maintain in the lifeboat a society that mirrors that of the broader global economy, based on power, greed, affluence, and competition, not on cooperation. They leave it to the wet, miserable workers in the sinking end to do all the bailing and rowing, with some help from the middle class passengers. When the worker faints from hunger or exhaustion, they have him or her thrown overboard to lighten the load and delay the inevitable foundering.

When all the workers have gone, the middle class passengers are forced to take over the rescue efforts, but by now so much of the boat is submerged that no amount of bailing can safe it and, rowing to the distant shore is impossible.

Most of the plutocrats, however, are still dry, well fed, and blindly complacent, and so it comes as a dreadful shock to them when the boat suddenly takes its final, fatal plunge.

How could this happen to them? Hadn't they done exactly what the tenets of neo liberalism and free enterprise had decreed? Hadn't they won the no-holds barred race to amass the most wealth and power? How could the poverty and sickness and misery they had inflicted on the lower classes have back fired to bring about their own destruction?

And so they go to their watery graves, still unaware that the passengers in a leaky lifeboat can't be divided into winners and losers. Either they all win, or they all lose.

Our planet is a lifeboat, too, for all the creatures that inhabit it, and it, too, is "leaking". But the top ten percent of the world's population who have grown rich from raping the planet and impoverishing billions of their fellow human beings are determined to carry on *"business as usual"*. They remain indifferent to the dangerously detrimental effects of pursuing infinite economic growth on a finite planet. They live in palatial and well guarded estates, far away from their victims, untouched as yet by the crop failures, the droughts, the floods, the storms, the smog, and many other environmental *"leaks"*. That already threatened our planetary lifeboat.

There my still be time for the free market fanatics who now occupy the still "dry" bow to stop their economic depredations, curb their avarice, and heal earth's mutilated ecosphere. But if they don't soon start doing so voluntarily, or if they are not compelled to do so by governments acting (belatedly) in the public interest, the 21st Century may well be the one in which history of humankind as a species comes to ignominious end.

# Kważi 45,000 nies imutu fl-Istati Uniti ta' kull sena, minħabba n-nuqqas ta' kura tas-saħħa.

Kważi 45,000 nies imutu fl-Istati Uniti ta' kull sena - wieħed kull 12-il minuta - fil-parti kbira minħabba nuqqas ta' assigurazzjoni fil-kura tas-saħħa. Dawn il-figuri joħorġu mir-rapport ta' *Harvard Medical School*. Hawn minn isejjaħ dan forma ta' 'ġenoċidju' modern, ta' kif l-Istat jeħles minn nies hekk imsejħa 'dgħajfa' jew li jiffurmaw parti mill-klassi l-baxxa fis-soċjetá.

B'mod ġenerali, ir-rapport jgħid li l-aktar nies vulnerabli huma dawk ta' età li tlaħħaq sa l-64 sena u tfal żgħar ta' età tenera. Il-fatt li fl-Istati Uniti ftit li xejn teżisti kura tas-saħħa pubblika, ir-riskju ta' mewt għal dawk li ma jifilħux iħallsu hu 40 fil-mija ogħla minn dawk li jifilħu jħallsu.

Il-politika Amerikana ma tinvestix f'sistema ta' kura tas-saħħa pubblika. Bil-kuntrarju tirrinforza s-sistema ta' kura tas-saħħa privata. Dawn il-figuri qajmu dibattitu nternazzjonali dwar kemm l-Istat Amerikan jista' jiġi klassifikat bħala Stat Demokratiku meta l-iktar vulnerabbli fis-soċjetá huma esklużi minn aċċess għall-kura tas-saħħa.

L-istess politika tmur kontra l-konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda tad-drittijiet tal-bniedem li tgħid, li kull persuna għandha jkollha aċċess għall-kura tas-saħħa.

Fl-1993, il-figura ta' nies li jmutu minħabba nuqqas ta' saħħa kienet tlaħħaq it-18,000 persuna. Fl-2008, in-numru ta' nies foqra li mhumiex protetti minn xi tip ta' assigurazzjoni jlaħħaq is-46 miljun persuna. Dana jfisser li dawn in-nies huma f'riskju akbar ta' mewt jekk jkollhom kumplikazzjonijiet f'saħħithom.

Ir-rapport jgħid li l-ftit sptarijiet u kliniċi pubbliċi li fadal madwar il-pajjiż qed jagħlqu l-bibien minħabba nuqqas ta' investiment minn fondi pubbliċi. Fl-istess waqt il-Kungress Amerikan approva l-investiment f'xiri ta' aktar armamenti sabiex l'hekk imsejħa 'demokrazija Amerikana' titwassal f'kontinenti u pajjiżi oħra fid-dinja.

Dr Steffie Woolhandler, li hu ko-awtur tar-rapport qal is-sejbiet juru li mingħajr kura bażika xierqa, in-nies huma aktar probabbli li jmutu minn kumplikazzjonijiet assoċjati ma 'mard' li jista' jiġi kkurat bħad-dijabete u mard tal-qalb.

Kritiċi li jigglorifikaw is-suq ħieles ħarġu jikkritikaw ir-rapport u qalu li data hi nieqsa minn data aktar dettaljata. Ikkritikaw wkoll il-metodoloġija wżata. Mir-rapport ġew esklużi l-ġenerazzjoni anzjana minħabba li dawk li għandhom il-fuq minn 65 sena jew aktar huma koperti mill-programm bażiku ta' assigurazzjoni Medicare, li sa llum għadha tiġi ssalvagwardjata.

Woolhandler, Professur tal-mediċina ta' Harvard u tabib fil-kura primarja, qal li l-fatt jibqa' li nies li ma jistgħux jiksbu aċċess għall-kura tas-saħħa huma aktar f'riskju li jmutu b'mard li l-kura tas-saħħa suppost hija mistennija li tipprevjeni.



## Lejla soċjo-kulturali minn Żminijietna

L-Għaqda Żminijietna - Leħen ix-Xellug organizzat lejla soċjo-kulturali bit-tema "il-pinna li nfluwenzat is-soċjetá Maltija" fil-City Pro Café, Triq Merkanti, l-Belt.

Tliet kittieba magħrufa, George Peresso, Maria Grech Ganado u Fr Mark Montebello tkellmu kif il-ħsieb u l-esperjenza soċjali wassluhom biex jiktbu sensiela ta' rumanzi, poeżiji u studji storiċi koll-ha bi sfond soċjo-politiku li jħarsu "minn isfel għal fuq tas-soċjetá"

It-tliet kittieba qraw ukoll siltiet mill-kitbiet tagħhom fil-waqt Vince Fabri kkontribwixxa bil-mużika. L-organizzazzjoni kienet f'idejn Mary Anne Zammit, membru tal-kumitat ta' Żminijietna.

Fir-ritratt jidhru (mix-xellug), Ms Ganado, Ms Zammit, George Peresso u Fr Mark Montebello.

## L-Kontinent Afrikan qed jkun milqut negattivament mill-politika ta' EU

L-aħħar rapporti maħruġa mill-Konfederazzjoni Ewropea tal-NGOs (CONCORD) li taħdem favur żvilupp sostenibbli fil-pajjiżi ta' tielet dinja juru biċ-ċar li l-politika tal-Unjoni Ewropea qed tkompli timmina serjament id-drittijiet tan-nies fil-pajjiżi rispettivi. Dawn qed juru li l-politika Ewropea mhiex qed tkun ko-erenti fl-objettivi tagħha. Filfatt ir-rapporti jgħidu li l-EU qiegħda tonqos milli tikkonforma ma' l-obbligi tagħha kif imniżżla fit-trattati Ewropej,*'European Treaties'*.

Dawn ir-rapporti ġew ppublikati dan l-aħħar ġewwa Lome, fit-Togo biex jikkonċidu ma' laqgħa internazzjonali tal-Assemblea Konġunta Parlamentari - 'ACP-UE', fejn diversi mexxejja Afrikani, Ewropej, mill-Karibew u mill-Paċifiku, jiltaqaw darbtejn fis-sena biex jieħdu deċiżjonijiet bħala parti mill-*Ftehim ta' Cotonou.*

*Il-Ftehim ta' Cotonou* jipprovdi l-possibbiltà lir-rappreżentanti tal-ACP biex jsaqsu mistoqsijiet lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-impatt li qed tħalli l-politika Ewropea fuq l-iżvilupp tal-pajjiżi ta' tielet dinja.

Gerard Karlshausen minn CONCORD għamilha ċara, "li ma jistax jiġi miċħud il-fatt li l-politika Ewropea qed tħalli effett fuq il-Kontinent Afrikan. Ir-rapport juri li l-politika Ewropea, dwar l-agrikoltura, l-kummerċ u l-immigrazzjoni qed ikollha mpatti negattivi fuq il-pajjiżi tal-ACP, fejn din il-politika qed timmina l-isforzi li qed isiru biex jitnaqqas il-faqar globali."

Ir-rapport juri li l-politika Agrikola Komuni Ewropea qed taffettwa b'mod negattiv l-pajjiżi ta' Tielet dinja. Il-pajjiżi msieħba fl-ACP qed jesperjenzaw teħid ta' aktar art għall-produzzjoni tal-'bijofjuwil' minħabba d-domanda li ħolqot l-Unjoni Ewropea stess bil-politika Ewropea dwar l-Enerġija Rinnovabbli, *"EU's Renewable Energy policy"*. Dana juri li Unjoni Ewropea qiegħda tonqos milli tissodisfa l-obbligi u drittijiet internazzjonali.



L-UE qiegħda tonqos wkoll milli tikkonforma ma' Trattat ta' Lisbona li jgħid li l-politika Ewropea għandha tieħu nkunsiderazzjoni l-objettivi favur żvilupp sostenibbli fil-pajjiżi rispettivi. Il-mekkaniżmu sabiex jissalvagwardja l-*Ftehim ta' Cotonou,* sabiex jkun hemm provediment għal inkjesti dwar l-impatti negattivi li jista' jkollhom ċertu deċiżjonijiet Ewropej mhux qed jitħaddem.

Ir-rapport jikkonferma wkoll li ma' 925 miljun persuna spiċċaw bil-ġuħ is-sena l-oħra; iġifieri kważi 1 minn kull 7 persuni fid-dinja. Fl-istess ħin terz tal-ikel li jiġi pproduċut għall-*'konsum uman'* qed jispiċċa jintrema.

Diversi analisti u attivisti internazzjonali kkritikaw l-EU li qed tħares biss lejn l-interess kapitali qabel dak uman. Salif Foulani Sissoko, *agro-ekonomista* qal li "l-politika tal-UE tista' tagħmel aktar ħsara milli ġid fid-dinja li qed tiżviluppa. Hu kompla billi qal li "l-effett tagħha jinħass l-aktar fil-produzzjoni agrikola Afrikana, fejn il-pajjiżi rispettivi ma jistgħux jikkompetu mall-importazzjoni ta' prodotti Ewropej issussidjati. L-organizzazzjonijiet internazzjonali jsejħu dan l-atteġġament ta' EU bħala *'dumping'*.

Kritiku ieħor kien Laust Gregersen, l-porta vuċi tal-Koalizjoni 'CONCORD' fejn qal li "l-UE trid tirrealizza li s-sigurtà globali tal-ikel tista' tinkiseb biss jekk il-pajjiżi foqra jkunu jistgħu jiżviluppaw u jissalvagwardjaw il-produzzjoni lokali tagħhom stess b'mod sostenibbli."

Pascal Erard, mill-organizazzjoni CFSI-Koordinazzjoni Sud saħaq li "biex jiġu evitati mpatti negattivi mill-politika ta' l-UE, aktar djalogu għandu jidħol fis-seħħ, b'mod partikolari bejn delegazzjonijiet Ewropej u 'stakeholders' interessati f'dan il-qasam, li jinkludu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili".

Qal wkoll li "l-Assemblea Konġunta Parlamentari - ACP-UE għandha tieħu l-opportunità biex tevalwa l-impatti negattivi mill-politika Ewropea, b'hekk nkunu qed nsaħħu l-*Ftehim ta' Cotonou* biex jgħaqdi l-għanijiet". Pascal saħaq li għandhom jiġu nnominati żewġ delegati mill-Assemblea biex dawn jkunu huma li jiġbru l-evidenza dwar l-impatti negattivi tal-politika Ewropea u fl-istess ħin jaħdmu sabiex tinstab soluzzjoni ġenwina."

Li ħareġ ċar wkoll mir-rapporti hu li l-Unjoni Ewropea hija l-ikbar donatur u tinvesti ma €53 biljun fis-sena favur politika li tippromwovi l-iżvilupp ta' dawn il-pajjiżi. Iżda mingħajr impenn ċar favur politika li tħares l-interessi ta' dawn il-pajjiżi, l-iżviluppi pożittivi miksuba minn fondi Ewropej permezz ta' programmi ta' għajnuna, qed jisfumaw fix-xejn. Jekk ma jsir xejn, il-pajjiżi li suppost qed jiġu mgħejuna se jkomplu jiġu mhedda serjament mill-impatti negattivi li qed tiġġenera l-istess politika Ewropea.

*CONCORD hija Konfederazzjoni Ewropea tal-NGOs għall-ħarsien u l-iżvilupp. Fi ħdan il-CONCORD hemm 26 assoċjazzjonijiet nazzjonali u 18-il 'network internazzjonali'li jirrappreżentaw aktar minn 1600 NGOs li huma appoġġjati mill-miljuni ta' ċittadini madwar l-Ewropa. CONCORD iwassal ir-riflessjonijiet u azzjonijiet politiċi u regolarment tinvolvi ruħha fi djalogu mal-Istituzzjonijiet Ewropej*

*Ritratt: Il-President tal-Kummiss-joni Ewropea, Manuel Barroso jit-kellem ma' mexxejja Afrikani*